**129. Il-Ministru tal-Ġustizzja, Artijiet, Djar u Affarijiet tal-Parlament, l-Onor. Ġużè Cassar, jipproponi:**

Illi minkejja kull provvedimenti oħra f1-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra dan li ġej għandu jirregola l-proċedura fuq l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att biex ikompli jemenda l-Att tal-1974 dwar l-Edukazzjoni".

A. Illi d-diskussjoni fil-Kumitat jekk ma tkunx intemmet qabel, m'għandhiex tieħu aktar minn żewġ seduti li fihom dan l-Abbozz ta' Liġi jidher bħala l-ewwel Ordni tal-Ġurnata; u li fil-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol tat-tieni seduta msemmija, iċ-Chairman minnufih iqiegħed il-mistoqsija fuq il-klawsola, emenda jew skeda li dak il-ħin tkun qed tiġi diskussa, u jkompli jqiegħed il-mistoqsija fuq l-emendi li jibqa', u fuq il-klawsoli u l-iskedi l-oħra kollha, waħda wara l-oħra, mingħajr emendi jew diskussjoni; iżda Ministru jista' jressaq emendi u klawsoli ġodda mingħajr avviż, li fuqhom titqiegħed il-mistoqsija mingħajr diskussjoni; u Ministru jista' wkoll jitlob il-konsiderazzjoni mill-ġdid fil-Kumitat, fejn il-mistoqsija fuq emendi, klawsoli, jew klawsoli ġodda mingħajr avviz titqiegħed mingħajr diskussjoni;

B. Illi l-votazzjonijiet kollha li jintalbu f'dawn iż-żewġ seduti jittieħdu wara ħames minuti biss mill-ħin li fih ikunu ntalbu, u bla ma jgħaddu għoxrin minuta (Ordni Permanenti Nru. 84); u li l-ħin meħud f'dawn il-votazzjonijiet ma jingħaddx mal-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol ta' dawn iż-żewġ seduti.

C. Illi t-Tielet Qari jista' jittieħed fl-istess seduta li fiha jintemm il-Kumitat, jew il-konsiderazzjoni mill-ġdid fil-Kumitat, anki jekk ikun għadda l-ħin tal-interruzz tax-xogħol; u li jekk tintalab votazzjoni fuq dan it-Tielet Qari din tittieħed ukoll wara 5 minuti biss mill-ħin li fih tkun intalbet.

22.06.1978